

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-8 ta' Ġunju 2021**

li tistabbilixxi lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti skont ir-Regolament (UE) 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li għandhom jiġu rreġistrati bħala applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(2021/C 219 I/04)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ⁽²⁾ ("L-Att ta' Ġinevra") huwa ftehim internazzjonali li permezz tiegħu l-Partijiet Kontraenti jimplimentaw sistema ta' protezzjoni reċiproka tad-Denominazzjonijiet ta' Orìġini u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.
- (2) Wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 ⁽³⁾ dwar l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra, l-Unjoni ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni mal-Att ta' Ġinevra fis-26 ta' Novembru 2019. L-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Frar 2020. Peress li l-Unjoni kienet il-ħames Parti Kontraenti li aderiet mal-Att ta' Ġinevra, l-Att ta' Ġinevra daħal fis-seħħ fl-istess data, f'konformità mal-Artikolu 29(2) tal-Att ta' Ġinevra.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 5(1) u (2) tal-Att ta' Ġinevra, l-Awtoritajiet Kompetenti ta' kull Parti Kontraenti għall-Att ta' Ġinevra jistgħu jippreżentaw applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali ta' Denominazzjoni ta' Orìġini jew ta' Indikazzjoni Ġeografika mal-Bureau Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali, li jirreġistraha fir-Reġistru Internazzjonali. F'konformità mal-Artikolu 9 tal-Att ta' Ġinevra, il-Partijiet Kontraenti l-oħra jistgħu jiddeċiedu jekk jipproteġux dik id-Denominazzjoni ta' Orìġini jew l-Indikazzjoni Ġeografika fit-territorji tagħhom fl-aħħar u fid-dawl ta' proċedura speċifika ta' skrinjar.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/1753, għall-fini ta' dak ir-Regolament u tal-atti adottati skontu, it-terminu "Indikazzjonijiet Ġeografiċi" jkopri l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2019/1753, bħala l-Awtorità Kompetenti tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li, mal-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra u minn hemm 'il quddiem fuq bażi regolari, tirreġistra applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali tad-Denominazzjonijiet ta' Orìġini u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-Unjoni mal-Bureau Internazzjonali.
- (6) Bejn Settembru u Diċembru 2020, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2019/1753, l-Istati Membri bagħtu żewġ talbiet lill-Kummissjoni biex jirreġistraw fir-Reġistru Internazzjonali Indikazzjonijiet Ġeografiċi li joriġinaw fit-territorju tagħhom u li huma protetti f'konformità mar-Regolament (UE) 251/2014.
- (7) L-ismijiet protetti f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 251/2014 bħala Indikazzjonijiet Ġeografiċi jenħtieġ li jiġu ppreżentati bħala applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru Internazzjonali bħala Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 271, 24.10.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 271, 24.10.2019, p. 15.⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 12).⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14).

- (8) Għalhekk jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi, li tkun ibbażata fuq dawk it-talbiet tal-Istati Membri lill-Kummissjoni biex jiġu ppreżentati applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi li joriġinaw fit-territorju tagħhom u li huma protetti fl-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 251/2014.
- (9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-prodotti tal-inbid aromatizzati,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni hija stabbilita l-lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti skont ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 li trid tiġi ppreżentata bħala applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali mill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membre tal-Kummissjoni

ANNEX

Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti fl-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 251/2014 (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) li jridu jiġu rreġistrati bħala applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1753

Spanja

— Vino Naranja del Condado de Huelva (IG)

L-Italja

— Vermut di Torino / Vermouth di Torino (IG)
